MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 232/2009

**Il-Pulizija
(Spt. Jesmond Micallef)
Vs
Omissis**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-29 ta' Mejju, 2009, f'dawn il-Gzejjer,
1) matul il-jum ikkommetta serq ta' Cashlink Credit Card mahruga mill-Bank of Valletta;
2) b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bejn il-perjodu tad-29 ta' Mejju, 2009 u l-1 ta' Gunju, 2009, matul il-lejl, f'dawn il-Gzejjer u cioe' minn diversi ATMs, seraq is-somma komplessiva ta' € 2436.39, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta' elfejn, tlett mija w disgha w ghoxrin Euro w sebgha w tletin centezmu (€2329.37c), kif ukoll bil-hin, u li sehh ghad-detriment ta' Markus Zsombor u/jew ta' persuni ohra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 261, 267, 270, 37 tal-Kap. 9, sabet lill-appellat hati skond l-akkuzi w ikkundanatu ghal piena ta’ prigunerija ta’ sitt xhur, b’dan illi wara li rat l-artikolu 28(A) tal-Kap. 9, ordnat li dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien sentejn.
Il-Qorti ordnat li kopja ta’ din is-sentenza w l-atti tal-kawza jintbaghtu lill-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-6 ta’ Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati ta’ l-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu, filwaqt li tirrevokaha w thassaraha f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sitt xhur sospiz ghal zmien sentejn mid-data tas-sentenza erogata w minnflok tinfliggi piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti f’illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kienitx fix-xorta jew kwantita’ taghha dik ikkontemplata fil-ligi, ghar-ragunijiet segwenti :-

L-appellat kien akkuzat bir-reat ta’ serq kwalifikat bil-valur ghax l-ammont kien izjed minn €2,329.37c u bil-hin. L-artikolu 279, li l-Ewwel Qorti naqset taghmel riferenza ghalih, jiddisponi li jekk il-valur tal-haga misruqa jkun izjed minn €2,392.37c, il-piena ta’ prigunerija tkun ghal zmien minn tlettax-il xahar sa seba’ snin. Umbaghad, ladarba l-appellat kien ukoll akkuzat bil-kwalifika tal-hin, wiehed irid japplika wkoll l-artikolu 280 (1) li jiddisponi li meta s-serq li ikun ikkwalifikat bil-valur ikun akkompanjat b’ wahda jew izjed mill-kwalifiki l-ohra, eccetto l-vjolenza w l-mezz, il-pieni msemmija fl-artikolu 279 ma jinghatwx fil-minimu

taghhom. Dan, skond l-artikolu 20 tal-Kodici Kriminali, jfisser li l-piena li ghandha tinghata ghandu dejjem ikun fiha ghall-inqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum.

Fit-tieni lok, ladarba t-tieni akkuza hi ta' reat kontinwat, l-Ewwel Qorti kellha ukoll thares lejn l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali li jghid li fil-kaz ta' reat kontinwat il-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi. L-Ewwel Qorti ma setghetx tinjora dan il-fattur tar-reat kontinwat li gie ukoll ammess mill-appellat.

Fit-tielet lok, ir-ragunijiet moghtija mill-Ewwel Qorti biex erogat il-piena li tat ma jinkwadrawx fil-kondizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 21 tal-Kap.9 u ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli tinzel taht il-minimum f' dawn ic-cirkostanzi.

Semghet ix-xiehda ta' Sandra Stevens, in rapprezentanta tal-Bank of Valletta plc fl-udjenza tal-lum li minnha rrizulta li l-valur tal-Cashlink Card kien taht il-Ewro 22.390 u li l-hsara komplessiva li sofra l-Bank kienet tammonta ghall-Ewro 2709.39c.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan hu appell limitat ghall-piena w kif dejjem gie ritenut din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx tezorbita mill-parametri tal-ligi jew ma tkunx manifestament wahda esagerata. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.) Illi kif kellha okkazzjoni tghid din il-Qorti, dan il-principju japplika ugwalment kemm f' appelli li jsiru mill-persuna misjuba hatja, kif ukoll f' appelli intavolati mill-Avukat Generali.

Illi bl-emendi ghall-Kodici Kriminali li gew introdotti bl-Att III tas-sena 2002, u partikolarment bl-introduzzjoni tal-art. 413 (1) ( c ), l-Avukat Generali nghata dritt t’ appell b’ mod generali fil-kazijiet kollha li ma jaqghux taht dawk kontemplati fis-sub sub-inciz (b) tal-artikolu 413(1) u dan ovvjament jinkludi appell dwar il-piena.

Issa f’ dan il-kaz, kif tajjeb issottometta l-Avukat Generali, bl-applikazzjioni tal-artikoli 279, 280 u 20 tal-Kodici Kriminali, l-piena minima erogabbli ghat-tieni imputazzjoni wahedha tar-reat ta’ serq kwalifikat bil-valur li jeccedi l-€2,329.37c u bil-hin, kellha tkun dik ta’ tlieta w ghoxrin xahar u ghoxrin jum (84 xahar – 13 xahar = 71 xahar u terz ta’ dan jigi 23.66 xahar). Inoltre, ladarba l-appellat kien ukoll akkuzat bir-reat ta’ *cashlink credit card* skond l-ewwel imputazzjioni, anki jekk dan jitqies bhala serq semplici, skond l-artikolu 284, kien ukoll punibbli b’ piena sa tlitt xhur prigunerija skond il-proviso tal-artikolu 285. Din l-ahhar piena pero’ skond ir-regola tal-artikolu 17 (b) ma setghetx tkun aktar minn terz sa nofs il-piena stabbilita ghal dar-reat u setghet ukoll tinghata fil-minimu taghha ta’ jum wiehed (1) prigunerija, ladarba ma hemmx minimu stabilit imma biss massimu ta’ tlitt xhur prigunerija.

Barra minn dan stante li t-tieni imputazzjoni hi wahda ta’ reat kontinwat, l-Ewwel Qorti setghet fakoltattivament ziedet l-inqas piena tat-tieni imputazzjoni bi grad jew zewg gradi. Imma dan ma kienx mandatorju skond il-ligi. Ghalhekk il-minimu li kien applikabbli kien ta’ tlieta u ghoxrin xahar u wiehed u ghoxrin jum prigunerija.

Pero’ l-Avukat Generali injora l-fatt li meta gew kommessi r-reati in dizamina, l-appellat kien ghadu minorenni. Di fatti hu twieled fit-2 t’ Ottubru, 1991 u r-reati gew kommessi bejn id-29 ta’ Mejju u l-1 ta’ Gunju, 2009, meta l-appellat kien ghadu ma ghalaqax it-tmintax il-sena.

L-Ewwel Qorti pero’ fis-sentenza appellata gustament iccitat l-artikolu 37 li jiddisponi li jekk il-hati jkun ghalaq l-erbatax il-sena izda ma jkollux tmintax il-sena, l-piena applikabbli ghar-reat ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn.

Konsegwentement jekk il-Qorti kellha tnaqqas l-inqas piena minima possibbli ta’ tlieta w ghoxrin xahar u wiehed u ghoxrin jum b’ zewg gradi w taghti l-beneficcju massimu lill-appellat, dan skond l-artikolu 31 (1) (b) (viii), (ix) u (x) tal-Kap. 9, kien iwassal biex il-piena minima possibbli tonqos ghal dik ta’ **disgha xhur (9) prigunerija.**

Ghalhekk hu manifest li l-piena ta’ sitt xhur prigunerija, anki kieku kienet piena effettiva, kienet inqas mill-minimu assolut preskritt ghaz-zewg imputazzjonijiet bla ma jittiehed qies tar-reat kontinwat u bir-ridizzjoni massima possibbli ta’ zewg gradi skond l-artikolu 37 kif fuq intqal. Konsegwentement l-aggravju tal-Avukat Generali jidher ben fondat fic-cirkostanzi.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-fatt li kien hemm ammissjoni bikrija w li l-appellat kko-opera mal-Pulizija, oltre l-eta’ tal-appellat li diga’ ttiehdet in konsiderazzjoni biex hu seta’ bbenefika minn piena ridotta b’ zewg gradi, ma kienux jiggustifikaw lill-Ewwel Qorti biex tinzel taht il-minimu tal-piena kif fuq kalkolat, partikolarment meta r-*re furtiva* baqghet ma gietx ritornata. Del resto l-Ewwel Qorti ma invokatx l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali biex ghamlet dan.

Mill-banda l-ohra mill-fedina penali tal-appellat jirrizulta li hu *“first-time offender”* u ghalhekk ladarba ma kienx hemm impediment legali biex tigi applikata s-*suspended sentence*, din il-Qorti ma tarax li hu l-kaz li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-applikazzjioni ta’ dan il-provvediment *“per se” , sia pure* b’ varjazzjoni fil-kundanna w fit-terminu tal-perijodu operattiv tal-istess sentenza sospiza, w biz-zieda tad-direttiva infraskritta maghmula skond l-artikolu 28H biex il-hati jkun obbligat li jirrestitwixxi lill-parti offiza kull ammont minnu misruq.

F’dan il-kontest, din il-Qorti tixtieq tosserva li inspjegabbilment il-Qrati tal-Magistrati ftit li xejn qed jaghmlu uzu mid-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali meta japplikaw il-provvediment tas-sentenza sorpriza. Dan il-provvediment hu ghodda utili biex jintlahaq l-iskop ta’ ***“restorative justice”*** u jaccerta li l-persuna offiza tigi effettivament kompensata mill-hati

ghat-telf li tkun sofriet bl-agir kriminuz tal-hati, bhala kundizzjoni li s-sentenza sospiza ma tidholx fis-sehh.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali w tirrforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellat hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellat ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sitt xhur sospiza ghal zmien sentejn u minnflok, bl-applikazzjoni tal-artikoli 261,267, 270, 279, 280, 284, il-proviso tal-artikolu 285, 17 (b), 20, 28A, 28H, 31, u 37 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-appellat ghall-piena ta’ disa’ xhur prigunerija, liema sentenza pero’ m’ ghandhiex tibda’ ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta’ erba’ snin mil-lum, l-appellat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija.

Inoltre, bis-sahha tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, qed taghti direttiva li biha qed tobbliga lill-appellat li fi zmien sitt (6) xhur mill-lum, jirrestitwixxi lill-Bank of Valletta PLc u lil Markus Zsombor , jew min minnhom, l-ammont ta’ Ewro elfejn, seba’ mija u disgha w disgha w tletin centezmu (€2709.39c), li qed jigi minn din il-Qorti stabbilit bhala kumpens ghat-telf minnhom soffert u dan minghajr pregudizzju ghad-drittijiet ta’ kull wahda mill-partijiet jew ta’ xi persuna ohra li ghandha interess li johorgu mill-likwidazzjoni finali ta’ l-ammont dovut, jekk ikun il-kaz, kif jista jigi eventwalment miftiehem jew deciz f’ kawza civili jew b’ kull mod iehor permess bil-ligi. Tirrizerva li jekk l-appellat jonqos li jikkonforma ruhu ma din id-direttiva, tordna li din is-sentenza sospiza ghandha tibda’ ssehh, skond is-subartikoli (4) (5) u (6) tal-imsemmi artikolu 28H.

Il-Qorti qed tfiehem lill-appellat bi kliem car ir-responsabbilta’ tieghu taht l-artikoli 28A, 28B u 28H jekk hu jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija matul l-erba snin tal-periodu operattiv fuq stabbilit u/jew jekk hu jonqos li jikkonforma ruhu mad-direttiva fuq moghtija w ma jirrestitwix l-ammont fuq imsemmi lid-derubati fiz-zmien stabbilit.

Tordna li isem l-appellat ma jissemmiex fil-media billi kien ghadu minorenni meta gew kommessi r-reati.

Finalment il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghall-obbligi tieghu skond l-artikolu 28A (8) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------